# Tislima lill-Monsinjur Guido Calleja (1928-2018)

***Rev. Dun Ryan Lee Pace***
S.Th.B

Fl-1 ta' Awwissu tas-sena li għaddiet, għadda għall-ħajja ta' dejjem Monsinjur Guido Calleja, saċerdot twajjeb li fost id-diversi ħidmiet li wettaq tul il-65 sena li kien ilu saċerdot, jibqa' magħruf l-aktar bħala l-Kappillan ħabrieki li bena l-knisja l-ġdida ta' San Ġiljan. Fil-fatt, għal 9 snin sħaħ, minn Novembru tal-1956 sa Novembru tal-1965, serva ta' kappillan ta' San Ġiljan u għamel ħiltu kollha biex itemm ix-xewqa tal-Ġiljaniżi li San Ġiljan ikollu knisja parrokkjali ikbar. Din kienet ħolma li nibtet fi żmien il-parrokat ta' Dun Amabile Bonanno (mill-1908 sal-1942), u twettqet bil-ħidma ta' Dun Guido, għalkemm ma kellux ix-xorti jara dan il-proġett mitmum fi żmien il-parrokat tiegħu.



Dun Guido twieled Tas-Sliema nhar is-7 ta' Ottubru 1928 minn Vincent u Mary née Vella. Guido kien it-tielet wild wara Eric u Joyce. Warajh, imbagħad, twieled Anthony. Għalkemm twieled Tas-Sliema, qatta' l-biċċa l-kbira ta' żgħożitu fil-parroċċa ta' San Ġiljan fejn kien iservi wkoll bħala seminarista. Ġie ordnat saċerdot fit-2 ta' Awwissu 1953, mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Fost dawk li ġew ordnati saċerdoti miegħu kien hemm ukoll Dun Karm Calleja, saċerdot li qatta' l-parti l-kbira tas-saċerdozju tiegħu f'San Ġiljan.

Għalkemm lil Dun Guido nafu biss fl-aħħar ħames snin ta' ħajtu, ma nkunx qed niżbalja jekk ngħid li s-saċerdozju tiegħu nistgħu naqsmuh fi tliet ħidmiet:

**Xogħol pastorali:** Bħal kull saċerdot ieħor, Dun Guido ħabb ix-xogħol pastorali għax f'dan ix-xogħol seta' verament jagħmilha ta' ragħaj għall-merħla li l-Mulej kien jafdalu f'idejh. Ix-xogħol pastorali tiegħu bdieh San Ġiljan fejn, kif għedna, serva ta' kappillan għal disa' snin. Kien l-Arċisqof Gonzi li sejjaħlu minn Ruma fl-1956 biex jieħu post Dun

Philip Grech li kien ħalla l-parrokat biex jingħaqad mal-ordni Sależjan. Wara San Ġiljan, Dun Guido serva wkoll bħala kappillan tal-parroċċa matriċi ta' Tas-Sliema, Stella Maris, mill-1965 sal-1974. Ma' dawn iż-żewġ parrokati fid-djoċesi ta' Malta, ma nistgħux ninsew is-snin twal, – aktar minn 35 sena – li Dun Guido serva fl-Istati Uniti. Fis-snin tmenin, serva fid-djoċesi ta' St. Petersburg, Florida, imbagħad għal għoxrin sena, serva fid-djoċesi ta' Mobile, Alabama. Fl-2013, wara li ċċelebra s-60 anniversarju mill-ordinazzjoni tiegħu, irritorna Malta u rtira fid-Dar tal-Kleru, Birkirkara.



*Dun Guido flimkien mas-saċerdoti Dun Anton Sciberras, Dun Fortunat Axiaq u Dun Karm Calleja.*

**Xogħol amministrattiv:** Wara l-ordinazzjoni saċerdotali, l-Arċisqof Gonzi ħatar lil Dun Guido bħala kappillan tiegħu: ħidma li wettaq bl-akbar reqqa u assidwità. Imbagħad, Dun Guido kompla l-istudji mużikali fil-Pontificio Istituto di Musica Sacra, Ruma. Iżda ma kienx għadda wisq żmien; l-Arċisqof Gonzi reġa' sejjaħlu għandu fil-vaganzi tas-sajf biex jaħtru kappillan ta' San Ġiljan. Min kien jaf lil Dun Guido jaf x'amministratur tajjeb kien. Fi kliemu stess, biex bena l-knisja ta' San Ġiljan tħabat mhux ftit! L-ewwel ġabra tal-Ħadd wara l-pussess kienet ġabra miżera ta' Lm7. Imbagħad, bi tbatija kbira, il-ġbir beda jiżdied. Imma l-iżjed ħaġa li tgħallem mill-esperjenza tal-bini tal-knisja kienet sentenza ħelwa li qallu wieħed frustier: Il-knisja tibniha *"with the promises of the rich and the money of the poor!"* U tabilħaqq, hekk kien.

Xogħol amministrattiv ieħor u ta' fejda kbira kien dak li wettaq wara li spiċċa minn kappillan ta' Stella Maris, jiġifieri bejn l-1974 u l-1979. F'dawn is-snin, lil Dun Guido nsibuh segretarju amministrattiv tal-Kurja Arċiveskovili: xogħol ta' responsabbiltà kbira li għal darb'oħra, Dun Guido wettaq b'metikolożità eżemplari.

Fl-1976, Dun Guido nħatar Monsinjur tal-Katidral, u għal darb'oħra wettaq xogħol amministrattiv fil-Kapitlu tal-Katidral, l-aktar fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

**Kontribut mużikali:** Fl-aħħar nett, min jaf lil Dun Guido jaf tajjeb kemm kien iħobb il-mużika u kemm kien mużiċista tajjeb. Fil-mużika kien tabilħaqq all rounder! Vuċi soda sal-aħħar ġranet ta' ħajtu, organista *virtuoso*, u kompożitur ta' diversi xogħlijiet sagri u anke profani. Huwa mertu tiegħu li l-knisja ta' San Ġiljan hija mogħnija b'orgni sabiħ tad-ditta *Mascioni* (1965). Il-parruċċani ta' Stella Maris għadhom jirrakkuntaw sal-lum kemm kienu jieħdu pjaċir jisimgħu d-daqq tal-orgni minn Dun Guido waqt il-ħin liberu tiegħu, l-aktar waranofsinhar meta l-knisja kienet terġa' tiftaħ għall-ħabta tat-3pm.

Mertu tiegħu wkoll it-twaqqif tal-famuż Kor ta' San Ġiljan li fi żmien il-parrokat ta' Dun Guido, u wara, ta' Dun Ġwann Galea, kien wieħed mill-aqwa korijiet ta' pajjiżna u għamel isem f'Malta u barra.



Dun Guido jilqa' lill-Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof Metropolitá ta' Malta għat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali l-ġdida. Għarkupptejh jidher ukoll Dun Anton Sciberras.

L-imħabba għall-mużika f'Dun Guido ma mietet qatt. Meta kont inżuru, konna ta' spiss nitkellmu fuq il-mużika, u meta kont insellimlu u nibda miexi lura lejn il-karrozza, kont nibqa' nisimgħu jkanta ferħan b'dik il-vuċi soda li kellu.

Bla dubju, il-kontribut li ta Dun Guido lil San Ġiljan u lill-Knisja f'Malta u fl-Istati Uniti għandu jiġi mfakkar u rikonoxxut. Almenu, jekk mhux f'din id-dinja, jiena ċert li Dun Guido ħa l-premju ta' dejjem li tant jistħoqqlu għall-ġid li wettaq f'ħajtu. Lil Dun Guido, insellmulu bil-versi li kiteb saċerdot ħabib tiegħu, il-mibki Dun Anton Sciberras. Lil Dun Guido, Dun Anton kitiblu tliet poeżiji: waħda għall-*Prima Messa*, oħra għall-jum il-pussess bħala kappillan ta' San Ġiljan u l-aħħar waħda, meta temm il-parrokat tiegħu fl-1965. Fl-opinjoni tiegħi, din tal-aħħar hija l-isbaħ fosthom għax tirrifletti n-niket li ħass il-poplu ta' San Ġiljan fit-tluq ta' Dun Guido. Dan hu l-istess niket li ċertament inħossu issa li Dun Guido m'għadux magħna.



Il-Mons. Guido Calleja, flimkien mal-Kappillan Dun Claude Portelli u l-awtur ta' dan l-artiklu Dun Ryan Lee Pace, fi żjara li għamel lill-wirja artistika u storika li ttellgħet fl-okkażjoni tal-125 sena anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa f'April 2016.

Xtaqt nispiċċa din l-għanja li ktibtlek illejla
Biex tislima hekk xierqa nagħtuk,
Billi nitlob mill-kbar u miż-żgħar illi lilek
nibqgħu dejjem fi qlubna nżommuk.

U meta fil-knisja li bnejt għad innizzlu
L-istatwa tal-kbir San Ġiljan,
Jiena żgur li jfakkarna f'din l-opra tant kbira
Ta' Dun Guido l-maħbub kappillan.